MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-3 ta' April, 2003

Numru. 91/2003

PULIZIJA
SPETTUR BERNARD ZARB
VS
CARMEL DIEDO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmel Diedo ta’ 65 sena, bin Lorenz u Salvina nee Brincat, imwieled Birzebbuga fis-16 ta’ Lulju 1939 u residenti 32, Triq Sant’alfonsu, Sliema u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 526739M talli f’dawn il-gzejjer fis-7 ta’ Mejju 2002 u fix-xhur ta’ qabel, u dawk ta’ wara, minghajr licenzja moghtija mill-Awtorita kompetenti, ghamel kummerc ta’ istituzzjoni finanzjarja f’Malta jew minn Malta minghajr licenzja mill-Awtorita kompetenti u cioe sellef flus bl-imghax lil diversi persuni. Dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjari, Att XXII ta’ l-1994.

Talli kiser jew naqas li jhares xi wahda mid-disposizzjonijiet ta’ l-Att XXII ta’ l-1994, jew xjentement

kien parti fl-ghemil, jew ipprokura jew ghen jew hajjar l-ghemil ta’ xi reat taht l-istess Att XXII ta’ l-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji. Dan bi ksur ta’ l-artikoli 22(1), u 23(2) ta’ l-Att XXII ta’ l-1994 dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji.

Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummisarju tal-VAT kellu fil-pussess tieghu billi kellu depositat ghandu, jew espona ghal bejgh 10 pakketti b’20 sigarett kull pakkett – Marlboro minghajr taxxa tad-Dazju tas-Sisa u 10 pakketti b’20 pakketti b’20 sigarett kull pakkett – Marlboro Lights (minghajr taxxa tad-Dazju tas-Sisa) u pakkett b’20 sigarett – Rothmans Blue (minghajr taxxa tad-dazju tas-sisa) dan bil-hsieb li jiffroda lill-gvern minn dazju u taxxi li jkunu jmissu u/jew biex jehles minn xi limitazzjoni u dan bi ksur tal-artikoli 60(a)(b)(c)(f)(g)(h)(l) u paragrafu (a) tal-Proviso ta’ l-artikolu 62 ta’ l-Ordinanza tad-Dwana kap 37, u l-artikli 16(d)(e)(f)(g)(j) u 17(a) ta’ l-Att XVI ta’ l-1995 dwar Dazju tas-Sisa tal-Ligijiet ta’ Malta, u wkoll, bi ksur tal-artikolu 80 ta’ l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII ta’ l-1998).

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tat-3 t’April 2003 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti kif konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 3, 22(1) u 23(2) tal-Att XXII tan-1994, Art 60(a)(b)(c)(f)(g)(h)(l), 62 proviso para (a) tal-kap 37, Art 16(d)(e)(f)(g)(j) u 17(a) tal-Att XVI tal-1995, Art 80 tal-Att fuq Taxxa fuq il-Valur Mizju Att XXIII tan-1998 u Art 28A tal-kap 9 u tikkundannah ghal sentejn

prigunerija sospizi ghal sentejn u tikkundannah ghal multa ta’ Lm31.38 filwaqt li tordna il-konfiska tal-oggetti esebiti.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------